**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠSTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' l-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol**

**IL-PULIZIJA**

**vs**

**Pierre Sladden, Omissis, Omissis**

**Illum, 26 ta' Ottubru 2023**

**Il-Qorti:**

Rat li Pierre Sladden ta' 55 sena, bin Joseph u Spiridiona nee' Grech, imwieled Attard nhar it-8 ta' Ottubru 1967, residenti 169, Triq il-Knisja, Xgħajra, u detentur tal-karta ta' l-identità bin-numru 470767M:

1. Fuq talba ta' l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol qed tiġu akkużati lkoll fil-kapaċità tagħkom personali u/jew bħala diretturi ta RedMAp Projects Limited u persuni li tħaddmu talli fis-sit sitwat f' Sunrise 2, Triq Olaf Gollcher kantuniera ma triq it-Torri, Swatar nhar il-25 ta' Ottubru u/jew fil ġimgħat u/jew fix-xhur ta' qabel inqastu milli tħarsu is-saħħa u sigurtà tal-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol, li jkun

qed isir u dan billi nqastu milli tieħdu l-passi neċessarji kollha sabiex jiġi evitat dannu fiżiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol u dan ai termini ta' artikoli 6(1)(2) ta' Att 27/2000 Kap 424.

2. Akkużati wkoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuni li tħaddmu nqastu li taraw li x-xogħol fl-għoli jkun ippjanat sew u tieħdu miżuri xierqa u suffiċjenti biex tipprevjeni waqgħat minn distanzi li jistgħu jikkawżaw dannu personali. Nqastu li taraw li x-xogħol fil-għoli jitwettaq biss b'tagħmir xieraq jew li jintużaw mezzi kollettivi ta' protezzjoni bħall-bennieni, pjattaformi jew xbieki ta' sigurtà. Fejn bennieni huma użati dawn għandhom ikunu solidi, għoljin biżżejjed u jkollhom almenu zokklu, poġġaman prinċipali u poġġaman intermedju jew alternattiva ekwivalenti. Nqastu li taraw li lqugħ protettiv, barrieri jew forma oħra ta' protezzjoni għandu jiġu mwaħħla madwar garigori, turġien, xiftijiet, gallariji, it-truf, fetħiet u f'xi oqsma oħra kollha fejn kull persuna tista' taqa' distanza li tista' tikkawża ħsara personali jew li jaqgħu ġewwa xi likwidu jew materjal li jinvolvu riskji mill-għarqa jew korriment serju. Inqastu li taraw l-ilqugħ protettiv barrieri jew forma oħra ta' protezzjoni għandhom ikunu ta' kostruzzjoni tajba, materjal tajjeb u sod, ta' għoli adegwat, u ta' saħħa adegwata għall-iskop li huma użati u dan ai termini ta' Art. 5.1, 5.2, 5.2, 5.4, 5.5 (Skeda IV Sezz. II Parti B) ta' A.L. 88/2018.

3. Akkużati ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkustanzi nqastu li tagħmlu, jew li tiżguraw li ssir evalwazzjoni xierqa, suffiċjenti u sistematika tal-perikli għas-saħħa u s-sigurtà kollha li jistgħu jkunu preżenti fuq il-post tax-xogħol u r-riskji li jirriżultaw li jikkonċernaw l-aspetti kollha tal-attività tax-xogħol. Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom jikkunsidraw ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u tal-persuni li jaħdmu għal rashom li għalihom ikunu esposti waqt ix-xogħol, inkluż dawk li jżuru l-post tax-xogħol liema riskji jirriżultaw mix-xogħol imwettaq, jew in konnessjoni miegħu, jew mit-tmexxija tal-impriża u dan ai termini tal-artikolu 10(1) ta' A.L. 36/03 (S.L. 424.18).

4. Akkużati wkoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi fil-kapaċità tagħkom ta' persuni li tħaddmu inqastu milli tiżguraw li kull tagħmir protettiv personali jkun iħares id-dispożizzjonijiet speċifikata fi Skeda 2 ta' l-Ordni u tiżguraw li fejn hemm il-preżenza ta' aktar minn riskju wieħed teħtieġ li ħaddiem jilbes fl-istess ħin aktar minn oġġett wieħed ta' tagħmir protettiv personali, dak l-apparat ikun kumpatibbli u li jibqa jkun effettiv kontra r-riskju jew riskji involuti. Inqastu wkoll li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' użu ta' tagħmir protettiv personali, b'mod partikolari għal kemm ħin għandu jintlibes, skond il-bażi tas-serjetà tar-riskju, il-frekwenza ta' kemm bniedem ikun espost għar-riskju, il-karatteristiċi tal-post tax-xogħol ta' kull ħaddiem u l-operazzjoni tat-tagħmir protettiv personali u tiżgura wkoll li jekk iċ-ċirkostanzi jeħtieġu li tagħmir protettiv personali jintlibes minn aktar minn persuna waħda tieħu l-miżuri kollha xierqa sabiex tiżgura li dan l-użu ma joħloq ebda problema ta' saħħa jew iġene għal utenti differenti. Inqastu li tiżguraw li dan it-tagħmir jingħata mingħajr ebda ħlas minn min iħaddem u tiżguraw li dan it-tagħmir ikun jiffunzjona tajjeb u jkun f'kundizzjoni iġenika tajba permezz tal-manutenzjoni, it-tiswija u t-tibdil ta' biċċiet meħtieġa. Nqastu li taraw li qabel ħaddiem juża tagħmir protettiv personali tavżawħ dwar ir-riskji li t-tagħmir ikun qed iħarsu kontrihom. Naqqastu wkoll li tiżguraw li jiġi kkonsultat ir-Rappreżentant tas-Saħħa u s-Sigurtà tal-Ħaddiema u dan ai termini ta' l-artikoli 4, 5, 6, 7, 8, 10(1)(2), 11 u 17 ta' l-A.L. 121/03 S.L. 424.21

5. Akkużati ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuni li tħaddmu nqastu milli tobdu ordni ta' uffiċjal, ordni mogħtija bil-miktub li ġġib id-data tad-**25 ta' Ottubru 2022**, biex tissalvargwardjaw s-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol u dan ai termini tal-artikolu 17(1) tal-Att XXVII/2000.

Rat illi hekk ma jirriżulta mil-verbal tas-seduta tal-lum 26 ta' Ottubru 2023 kienu ħarġu akkużi relatali ma dawn il-fatti kontra tlett persuni li jinkludu l-

imputat, iżda l-imputazzjonijiet kontra ż-żewġ imputati l-oħra ġew irtirati qabel inqraw l-istess akkużi.

Rat ukoll illi wara li nqraw l-akkużi bil-ġurament mill-uffiċjal prosekutur, l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu, u wara li din il-Qorti spjegat lill-imputat il-portata tal-ammissjoni tiegħu u tagħtu ż-żmien biex jirrikonsidra l-ammissjoni u jikkonsulta mal-avukat tiegħu, huwa ikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Fl-isfond ta' l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti ma għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu.

Semgħat it-trattazzjoni tal-avukati difensuri dwar il-piena.

L-avukat difensur in suċċint kien tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi, għal-diversi raġunijiet, il-piena nflitta tkun fil-minimu tagħha u li kellu japplika l-artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ikkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-imputat li assuma r-responsabbiltà kollha ta' l-akkadut. Il-Qorti fil-fatt ħadet konjizzjoni ta' tali ammissjoni bikrija għal fini ta' piena. Madanakollu il-Qoti ma tistax tinjora l-gravita tal-imputazzjonijiet fil-konfront ta' l-imputat bħala persuna li tħaddem u li trid tassigura s-saħħa u s-sigurta fuq il-post tax-xogħol għal kull min jista jkun preżenti fuq dana l-post tax-xogħol, ovvjament imma mhux biss il-ħaddiema. Bl-istess mod ma tistax tinjora l'fatt li l-awtorità mogħtija lill-Uffiċjali tal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol m'għandiex tiġi mminata, u meta dawn jagħtu l-ordnijiet, tali ordnijiet għandhom jiġu rispettati.

**<u>Deċide</u>**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti wara li rat l-artikoli 2, 6(1)(2), u 17(1) tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll ir-regolament 2, 10 u l-paragrafi 5.1, 5.2, 5.3, 5.4, 5.5 tal-Iskeda IV, Sezzjoni II, Parti B tal-Liġi Sussidjarja 424.36 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikoli 6(2) tal-Liġi Sussidjarja 424.18, u l-artikoli 2, 4, 5, 6, 7, 8, 10(1)(2), 11 u 17 tal-Liġi Sussidjarja 424.21, il-Qorti fuq ammissjoni tal-imputat lill-Pierre Sladden detentur tal-karta tal-identita' 470767(M) issibu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u b'assorbiment tal-piena tat-tieni sal-ħames akkuża fl-ewwel akkuża skont l-artikolu 17(f) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundannah għal-piena ta' multa ta' sebat elef u ħames mitt ewro (€7,500) (rappreżentanti elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500) għal ewwel imputazzjoni u nofs l-ammont ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) għat-tieni sal-ħames akkuża, cioé elf mitejn u ħamsin ewro (€1,250) għal kull akkuża mit-tieni sal-ħames akkuża).

**Dr Kevan Azzopardi**

**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**

**Josanne Gauci**

**< Sentenza Finali >**

**--------------------------------TMIEM--------------------------------**